MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## IAN FARRUGIA

SEDUTA TAS-17 TA' OTTUBRU, 2013

NUMRU 301/2008

**IL-PULIZJA**
**(Spettur Sandra Zammit)**
**Vs**

**SIMONE GRIXTI**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Simone Grixti** ta’ 23 sena, imwielda nhar id-19 ta’ Awwissu, 1984 fil-Pieta`, bint Anthony u Josephine nee’ Olivia u residenti f’Nru 60, Flat Nru 6, Triq l-Isptar, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita’ maltija bin-numru **491484M**, giet akkuzata talli f’dawn il-gzejjer, bejn l-20 ta’ Frar 2008 u t-30 ta’ Marzu 2008 f’San Pawl il-Bahar f’xi hin ikkommettejt serq ta` aktar minn Lm100 u anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta’ terzi persuni liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.
Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li, fl-udjenzi tad-29 ta` Novembru 2010 u tas-17 ta' Ottubru 2013, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata ghall-imputazzjoni ta` serq kif dedotta, anki wara li inghatat zmien skond il-ligi biex tahsibha;
Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur.
Ikkunsidrat;
Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjoni kif migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputata u d-deposizzjoni tal-ispettur tal-pulizija, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba kontra taghha tinsab sodisfacentement ippruvata u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghha.
Ikkunsidrat;
Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti :
Illi l-imputata kienet tikri appartament minghad certu Maria Camilleri gewwa San Pawl il-Bahar. Kien ghall-habta ta` Frar u Marzu 2008 meta l-imputata bidet tevita lil Maria Camilleri u waqfet thallas il-kera. Maria Camilleri ppruvat kemm-il darba taghmel kuntatt mal-imputata, izda kien kollu ghal xejn. Gurnata fost l-ohrajn, Maria Camilleri dahlet fl-appartament in kwistjoni u sabet numru ta` oggetti neqsin. Dwar dan ghamlet rapport lill-pulizija li minn naha taghhom baghatu ghall-imputata li ammettiet li kienet hadet xi affarijiet mill-appartament u li kienu ta` Maria Camilleri.
Ikkunsidrat;
Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss - il-fedina penali tal-hatja, l-ammissjoni ta` Simone Grixti qabel ma bdew jinstemghu il-provi, li ser titqies minn din il-Qorti bhala ammissjoni bikrija li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza; il-fatt li hi ma rritornat xejn minn dak mehud u lanqas ma kkompensat lil Maria Camilleri ghal dak li naqsilha; il-fatt li Simone Grixti ghandha problemi socjali kbar, kellha trobbija xejn felici u

sfortunatament kienet meqruda bl-abbuz tad-droga w il-fatt li hi trid li tirriabilita` ruhha minn dan l-abbuz.
Minghajr tlaqlieq, din il-Qorti tiddikjara li r-reat ta` serq aggravat bil-valur (fl-ammont komplessiv ta` €1036) kif migjub kontra l-hatja huwa reat serju, u fejn ma hemmx xi raguni u/jew cirkostanza jew cirkostanzi partikolari, il-hati jew hatja ta` reat kif migjub kontra Simone Grixti, jimmerita piena li tkun ta` deterrent, bhal ma hi piena ta` prigunerija.
**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lil Simone Grixti hatja ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra taghha u **tikkundannaha sena (1) prigunerija**.
Il-Qorti, in vista tac-cirkostanzi, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta` Kordin sabiex jaghti lill-hatja Simone Grixti l-ghajnuna li hi ghandha bzonn f’kaz ta` opportunita` li ssegwi programm ta` riabilitazzjoni mill-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------